# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**


***Minuti tal-Laqgħa Numru 37 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 3 ta' Settembru 2013 fis- 6.00 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat (telaq fit-20.23 pm) |
| | Vincent A. Galea |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |

**37/01** **Talba**

**37/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.10 pm billi ntqalet it-talba.

**37/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru. 36**

**37/02/01** Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) iffirmaw il-Minuti.

**37/03** **Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa Nru. 36**

**37/03/01** **Para 36/03/01:- *Tender* ta' Rampa fi Ġnien il-Paċi**: Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Segretarju Eżekuttiv (SE) kitbet lill-Perit Falzon sabiex jikkonferma jekk il-Kunsill għandhux bżonn *DNO* jew *Full Development Permit*. Issa ser tinkiteb l-ittra lid-Dipartment għall-Gvern Lokali (DGL) filwaqt li nibqgħu insegwu risposta mingħand il-Perit.

**37/03/02** **Para 36/03/02:- It-Torri tas-Semoforu**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li la d-Dipt. tal-Artijiet u lanqas d-DGL ma wieġbu dwar il-ftehim ta' kera tat-Torri tas-Semaforu. Is-SE għandha ssegwi dan il-każ.

**37/03/03** **Para 36/03/03:- Ingaġġ ta' Skrivana fi Skala 15**: Din il-materja qegħda fuq l-Aġenda.

**37/03/04** **Para 36/03/04:- Ftehim tal-PPP**: L-ittra lid-DLG ser tinbagħat fil-ġranet li ġejjin.

**37/03/05** **Para 36/03/05:- Tender Nru T-03/13-24:** Is-S.E. għandha tikteb lill-kuntrattur li l-*activity area* fil-parti tan-nofs ser titneħħa u flokha jitpoġġew ż-żewġ *spring riders* li kienu se jitwaħħlu fil-parti t'isfel tal-Ġnien kif ukoll titlob konferma ta' meta ser jibda x-xogħol. Il-Kunsill unanimament qabel li waqt li jkun għaddej ix-xogħol il-ġnien jinżamm magħluq. L-ittra lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr S. Buontempo ser tintbagħat dalwaqt.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

| | |
|---|---|
| **37/03/06** | **Para 36/03/06:- Fanal Sqaq il-Ħofra:** Il-Kunsill unanimament approva li s-sid għandu jkopri l-ispejjes kollha jekk ser jibqa jinsisti li l-fanal għandu jiġi mressaq. Is-S.E. għandha tinforma lis-sid b'dan. |
| **37/03/07** | **Para 36/03/07:- Ġnien tal-Ponta**: Il-Kunsill talab lis-S.E. terġa tinforma lill-Perit Grech u lill-Perit Cortis sabiex jieħdu ħsieb li joħorgu l-*Progress Report* u l-*Interim Progress Payment Request* kemm jista' jkun malajr. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-*Paying Agency* talbet lill-Kunsill biex jikkonferma jekk ser jkun hemm xi flus li mhux se jintefqu fuq dan il-proġett. Il-Kunsill unanimament qabel li is-S.E. għandha tikteb lill-*Paying Agency* u tinfurmahom li jidher li l-fondi ser jintuzaw kollha u li mhux ser jkun hemm tfaddil fuq dan il-progett. |
| **37/03/08** | **Para 36/03/08:- Festa 2013:** Il-Kunsill innota li l-Festa ghaddiet b'wicc il-gid u li kollox mar sew. Is-Sindku qal li l-kuntrattur tal-gbir tal-iskart ma giex fil-hin li kien miftiehem wara nofsinhar. Flimkien mal-Kunsillier is-Sur Chris Fenech hu kien iddecieda li jingieb kuntrattur iehor tal-gbir tal-iskart peress li ma setghux ihallu l-iskart fil-Pjazza meta kienet waslet sabiex tohrog il-purcissjoni. Gie ikkonfermat li l-kuntrattur tal-iskart wasal fis-5.45pm meta suppost kellu jkun hemm fit-3.00pm. Il-Kunsill unanimament irratifika din id-decizjoni u s-S.E intalbet sabiex tohrog *default notice* lill-kuntrattur. |
| **37/03/09** | **Para** 35/03/11: ***Crash Barrier* eċċ.** Is-S.E. infurmat lill-Kunsill li l-Koptasin kienu wahhlu l-crash barrier. Is-S.E. għandha tieħu ħsieb li tibgħat il-kont u l-irċevuti lid-DGL skont l-iskema. Is-SE għandha tfakkar lill-Koptasin sabiex iwaħħlu x-*chevron signs* u t-tabelli tal-*cul-de-sac* u *bring in-site.* |
| **37/03/10** | **Para 36/03/11**: **Pjanijiet Lokali:** Is-Sindku qara l-minuti li nbgħatu mill-MEPA rigward il-laqgħa li saret il-Kunsill Lokali dwar ir-reviżżjoni tal-Pjanijiet Lokali. Il-Kunsill għamel xi korrezzjonijiet fuq il-minuti u talab lis-SE sabiex tibgħat l-minuti lill-MEPA. |
| **37/03/11** | **Para 36/03/12**: **Sit fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki**: Is-S.E nfurmat lill-Kunsill li kienu irċevew biss *acknowledgement* tal-ittra li nbgħatet lid-Dipartiment tal-Artijiet u lill-Kunsill Malti għall-Isport. |
| **37/03/12** | **Para 36/03/13** –Il-Kunsill fakkar lis-S.E. biex tikteb lis-sid tal-plot fi Triq Fra D. Mifsud. |
| **37/03/13** | **Para 36/03/15**: **Gemellagg:** Il-Kunsillier is-Sur Vincent A. Galea nforma lill-Kunsill li huwa ċempel lil Comune di Pachino fi Sqallija meta kien imsiefer imma dawn ma rrispondewx. Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-kuntatt jista' jinżamm għal sena li ġejja peress li l-applikazzjoni tal-MEUSAC issa laħqet għalqet. |
| **37/03/14** | **Para 36/03/16: Gita fi Sqallija:** Il-Kunsillier Vincent A. Galea nforma lill-Kunsill li l-ġita għall-Sqallija kienet suċċess u dawk li attendew ġadu gost u talbu li l-Kunsill jorganizza aktar ġiti kulturali simili. Hu kellu partecipazzjoni ta' 50 persuna. Il-Kunsill unanimament irringrazzja lill-Kunsillieri V.A. Galea. |

**37/03/15** **Para 36/03/17**: **Quarterly Financial Report:** Din il-materja qegħda fuq l-Aġenda.

**37/03/16** **Para 36/05/03: Arriva**: Is-S.E. għandha tikteb lill-Arriva u TM dwar ir-rotta 225 u biex jbgħatu l-*inspector* filgħodu.

**37/03/17** **Para 36/05/04: Triq San Gwann:** Is-S.E. għad trid tikteb lill-TM dwar bendjatura li hi perikoluża fi Triq San Gwann.

**37/03/18** **Para 36/06/05 :** Il-Kunsillieri Vincent Galea ser jirrappreżenta l-Kunsill fis-Seminar - *MESHARTILITY & SMILEGOV* li ser isir fil 11 ta' Settembru 2013.

**37/03/19** **Para 36/06/06**: Is-Sindku nforma li għadu ma rċeviex risposta mill-Kunsill tas-Swieqi rigward Triq Santa Katarina.

**37/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**37/04/01** Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa.

**37/05** **Ilmenti u Suggerimenti**

**37/05/01** **Ilment numru 18113052197247**: - Talba sabiex isiru *double yellow lines* quddiem residenza fi Triq Mons L. Catania. Il-Kunsill unanimament ma qabilx li din it-talba tintlaqgħa. Quddiem din ir-residenza dejjem isir ipparkjar ta' vetturi, inkluz mir-residenti li joqgħodu fl-istess dar fejn intalbu li jsiru d-*double yellow lines*. Jekk dawn il-linji isiru jintilef spazju għall-ipparkjar ta' vetturi fi triq fejn diġa hemm problema ta' nuqqas ta' spazju għall-ipparkjar tal-vetturi.

**37/05/02** **Ilment numru 18113078196981:** - Talba sabiex jerġgħu jitwaħħlu 2 *bollards* fi Triq 31 ta' Marzu. Il-Kunsill ġie infurmat li 2 *bollards* li kien hemm qabel kienu insterqu. Il-Kunsill unanimament qabel li jitwaħħlu 2 ġodda.

**37/05/03** **Ilment numru 18113039196980:** Talba sabiex issir bankina quddiem residenza fi Triq il-Ġnien ħalli b'hekk il-vetturi ma jersqux viċin il-propjeta'. Il-Kunsill innota li Triq il-Ġnien hi waħda dejqa u fiha ma hemmx bankina. Jidher ukoll li l-bankina proposta li ssir, ser isservi sabiex tħares propjeta' privata aktar milli sabiex jimxu n-nies fuqha. Il-Kunsill unanimament qabel li jitlob gwida mingħand TM.

**37/05/04** Ilment li fi Triq Santa Marija taż-Żellieqa hemm residenti li qed jitimgħu l-annimali billi jpoġġu l-ikel fuq propjeta' pubblika. Is-S.E. intalbet sabiex tibgħat ittra lir-residenti ħalli ma jkomplux jagħmlu hekk.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

**37/06 Korrispondenza**

**37/06/01** Korrispondenza dwar '*Invitation to Information Session – Measure 313'* organizzat mill-*Majjistral Action Group* rigward fondi fejn l-applikazzjonijiet infetħu fit-22 t'Awissu 2013 u jagħlqu fil-21 ta' Settembru 2013. Il-Kunsillier Vincent Galea ser jirrappreżenta l-Kunsill f'dan is-*Seminar* nhar il-Hamis 5 ta' Settembru f'Dar l-Ewropa, Il-Belt.

**37/06/02** Korrispondenza fejn ġejna infurmati li d-Dipartiment ser iwaqqaf is-servizz li kien jingħata kull gimgħa minn uffiċċjali mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali peress li skont huma ma kienx qed ikun hemm konkorrenza biżżejjed. Il-Kunsill esprima d-diżappunt tiegħu li dan is-servizz mhux ser jingħata aktar u li kien twaqqaf mingħajr ebda konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill innota ukoll li għal dan is-servizz kienu jattendu medja ta' 10 persuni kull gimgħa l-aktar anzjani u issa dawn ser ikollhom joqgħodu imorru n-Naxxar sabiex jinqdew. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa kien diġa kiteb u talab li tiġi riveduta din id-deċiżjoni. Jidher li hemm Kunsilli oħra fejn ukoll qed jitwaqqaf is-servizz. Il-Kunsill unanimament qabel li għandna inkomplu ninsistu u nsegwu.

**37/06/03** *Press Release* rigward Transparenza u Kontabilita' PR 1798. Il-Kunsill ħa nota ta' din.

**37/06/04** Korrispondenza mingħand it-*team* ta' Xarabank rigward program ġdid li qed jaħdmu fuqu fejn ser jinvolvu l-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-korrespondenza.

**37/06/05** Korrispondenza mingħand Charles Stroud dwar Teatri eżistenti fil-Lokalita'. Intbgħatet tweġiba li Ħal-Għargħur tintuża s-Sala Parrokkjali.

**37/06/06** Korrispondenza mingħand il-MEPA dwar permessi/deċizjonijiet: bin-numri: PA 00603/13; PA 01417/13 u PA 01502/13 ġiet innotata.

**37/06/07** Korrispondenza dwar Tħaris tal-Att dwar Kunsilli Lokali, tal-Kodiċi ta' Etika għar-Rapprezentanti Eletti tal-Gvern Lokali u tal-Kodiċi ta' Etika għall-Impjegati fis-settur Pubbliku. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

**37/06/08** Korrispondenza dwar *ICT Courses in your* Community (Oct 2013 till May 2014) mingħand TCTC ikids. Din ġiet innotata u ġie deċiż li tiġi ikkunsidrata aktar il-quddiem.

**37/06/09** Korrispondenza mingħand is-Sinj Geraldina Gilson dwar program tal-*Aerobics*. Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill jorganizza kors ieħor tal-*aerobics* u li l-Kunsillier Alfred Muscat għandu jagħmel kuntatt mall-Kapillan biex jara jekk jixtieqx jikri s-sala sabiex tintuża ħalli fiha isiru dawn il-korsijiet.

**37/06/10** Korrispondenza mingħand il-MEPA biex tinfurmana li waħħlet in-notifika dwar *'to develop an ATM room and installation of ATM inclusive of signs'* tal-HSBC

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

PA/02239/13. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

**37/06/11** Żewġ korrispondenzi mingħand il-MEPA dwar permessi fuq PA/02317/13 u PA/02336/13; u PA/02434/13 ġew innotati mill-Kunsill.

**37/06/12** Korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali Maltin (AKLM) dwar '*MESHARTILITY & SMILEGOV'* Aġenda għall-11 ta' Settembru 2013. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

**37/06/13** Korrispondenza mingħand il-Perit George Schembri rigward il-bini *ta' storm water outlet at field off Triq San Gwann*, Għargħur. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa kiteb lill-Perit u infurmah li din hija propjeta' tal-Gvern u li l-Perit għalhekk għandu jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet.

**37/06/14** Korrispondenza mingħand il-Ministeru tal-Energija u Konservazzjoni tal-ilma rigward l-ilment no 18113045194136 dwar *brackets* li jridu jinqalgħu minn mal-faċċata tar-resident. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

**37/06/15** Korrispondenza mingħand id-DGL rigward *Case 375/13*. Il-Kunsill innota din il-korrispondenza kif ukoll ir-risposta li inbagħtet.

**37/06/16** Korrispondenza mill-MEPA bir-referenza *ECF 00215/13* rigward Notifika ta' Avviz skond l-Art 86 ta' l-Att Nru X ta' 2010 dwar l-ambjent u l-ippjanar tal-iżvilupp dwar ksur tal-kontroll tal-ippjanar f'Sit fi Triq Għaxqet l-Għajn Għargħur. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

**37/06/17** Korrispondenza dwar *Youth in Action Programme* mill-AKLM. Il-Kunsillier Christopher Fenech għandhu jara minn jista' jattendi mis-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ.

**37/06/18** Korrispondenza dwar il-Laqgħa għas-Sindki li ser issir fis-27 u 28 ta' Settembru 2013 il-Lukanda Dolmen, il-Qawra. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa ser jattendi imma l-Viċi Sindku avża li hu ma jistax.

**37/06/19** Korrispondenza mill-*Artech Aftersales* rigward il-linja diretta għal-Lift tal-Kunsill. Is-SE għandha issegwi dan ix-xogħol.

**37/06/20** Korrispondenza mingħand il-GreenMT sabiex jagħmlu talks rigward ir-*recyled waste*. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-korrespondenza. Is-S.E. għandha tikkordina mal-Kunsillier Alfred Muscat dwar meta l-aħjar li jsiru dawn it-taħditiet u tikteb lill-*Green MT*.

**37/06/21** Korrispondenza dwar 2 sejħiet tal-*Lifelong Learning Programme*. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-korrespondenza.

**37/06/22** Korrispondenza dwar Diskussjoni Pubblika dwar l-Arja mill-AKL Cirk 53/2013 – Sehemek: Lejn Arja Aktar Nadifa. Il-Kunsillier Fenech ser jirrappreżenta l-Kunsill waqt din il-Laqgħa.

**37/06/23** Korrispondenza mill-UIF – MEPA dwar l-approvazzjoni tal-estenzjoni tad-data tal-proġett fuq il-*Play Equipment* fil-Ġnien il-Paċi. Din il-korrispondenza ġiet innotata mill-Kunsill.

**37/07** **Approvazzjoni tal-*Financial Quarterly Return***

**37/07/01** Il-Kunsill unanimament approva r-rapport li gie ipprezentat mis-S.E. u qabel li jinbagħat lid-DLG wara li jiġu ikkonfermati xi figuri.

**37/07/02** Rigward il-*Management accounts* is-S.E. infurmat li dawn ser jiġu ippreżentati fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

**37/08** **Bord tal-Għazla għas-Sejħa tal-Iskrivan Skala 15**

**37/08/01** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ETC bgħatu l-lista ta' 151 l-kandidat li huma rreġistrati fuq Part III u minn dawn 23 kandidat biss bgħatu s-*C.V.* tagħhom. Is-Sindku qara l-ismijiet ta' dawn li kienu se jiġu ntervistati. Il-Kunsill qabel li l-intervisti jsiru nhar l-Erbgha 4 ta' Settembru 2013 u l-Kunsill approva li l-membri tal-Bord tal-Għażla għas-Sejħa ta' Skrivan Skala 15 jkunu is-Sindku, is-Sur Mario Gauci, u l-Kunsillieri is-Sur Alfred Muscat u s-Sur Vincent Galea filwaqt li s-S.E. s-Sinj. Louise A. Gusman tkun is-Segretarja tal-Bord.

**37/09** **Materji Oħra u Mistoqsijiet**

**37/09/01** Il-Kunsill unanimament qabel li joħroġ sejħa għall-offerti għas-Servizz ta' Perit u Ġbir ta' Skart Goff.

**37/09/02** Is-S.E. ġibdet l-attenzjoni li skont l-arranġament preżenti tal-Kunsill, l-*entries* fis-sistema *SAGE* u xogħol ieħor li għandhu x'jaqsam mal-*Accounts* kien qiegħed isir mil-eks *Assistant Principal* tal-Kunsill filwaqt li l-*Accountant* imbagħad jivverifika x-xogħol li jkun sar, jagħmel il-*reconciliations* u joħroġ ir-rapporti kollha. Hija qalet li dan ix-xogħol tal-*Accounts* għandu jsir kollu mill-*Accountant* pero' l-kuntratt ma kienx jipprovdi għal dan. Hi infurmat lill-Kunsill li kienet ser titlob direzzjoni mid-DLG ħalli tara jekk il-kuntratt jistax jiġi emendat. Il-Kunsill innota dan u qabel li jieħu posizzjoni meta tkun waslet id-direzzjoni mingħand id-DLG.

**37/09/03** Is-S.E. infurmat lill-Kunsill li fanal fi Sqaq Charlotte kellu bżonn manutenzjoni estensiva. Il-Kunsill unanimament approva li dan ix-xogħol isir.

**37/09/04** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ser isir *Energy Audit* fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

**37/09/05** Il-Kunsillier C. Fenech informa lill-Kunsill li kellhu suġġeriment mingħand resident sabiex il-Kunsill joħroġ ktieb bir-ritratti tal-lokalita' ta' Ħal Għargħur. Il-Kunsill unanimament qabel li jikkunsidra dan is-suġġeriment. Il-Kunsillier Fenech għandu jkellem lir-resident u jistaqsih jekk hux lest li jieħu ħsieb jigbor il-materjal għal dan il-ktieb.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

**37/09/06** Il-Kunsillier Fenech issuġġerixxa li jitwaħħlu tabelli tas-sigurta' fil-Ġnien ta' Zgħaruna, isir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bankijiet ta' Triq Għaxqet l-Għajn u Ġnien il-Paċi u tinżebagħ ix-xatba l-ġdida tas-*Searchlight Battery*. Il-Kunsill unanimament qabel ma dawn is-suġġerimenti u approva x-xiri tal-materjal.

**37/09/07** Hawnhekk il-Kunsillier Alfred Muscat talab biex jiġi skuat mill-kamra għat-20.23.

**37/09/08** Il-Kunsillier Fenech issuġġerixxa li terġa issir laqgħa għall-Għaqdiet Non Governativi mill-Kunsill Malti għas-settur tal-Volontarjat (MCVS). Il-Kunsill unanimament laqa' din it-talab u s-SE ser tikteb lill MCVS.

**37/09/09** Il-Kunsill innota li l-attivitajiet organiżżati mis-Sotto Kumitat Żgħażagħ għall-festa fosthom ix-xibka tal-bżieżaq u l-ħarga bl-*open bus* kien suċċess. Il-Kunsillier Fenech informa lill-Kunsill li ser ssir *Halloween Party* fis-*Searchlight Battery* fis-26 t'Ottubru 2013. Dan ser isir flimkien mal-Għaqda Dwal Ġodda. Il-Kunsill unanimament approva dan l-attivita'.

**37/09/10** Il-Kunsillier Vincent A. Galea talab permess sabiex juża Ġnien il-Paċi għall-okkażżjoni familjari. Il-Kunsill unanimament ta l-approvazzjoni tiegħu.

**37/08** **Aġġornament**

**37/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-20.35 ta' filgħaxija wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar l-Erbgha, 18 ta' Settembru 2013 fis-6.00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **18 ta' Settembru 2013** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |